MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2012

Appell Civili Numru. 52/2004/2

**Avviz Numru : 52/2004/CSH**

**Costa Brava Company Limited.**

**vs**

**Dormax Promotional Printing Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fl-12 ta' April 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ppronunzjat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Qorti :***

*Rat illi s-socjeta` attrici pprezentat avviz fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-28 ta' Jannar 2004 fejn talbet lil Qorti*

*tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallasha s-somma ta' tliet elef disgha mija sitta u hamsin lira u zewg centezmi Maltin (Lm3,956.02) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilha liema prezz naqset li thallas minkejja diversi interpellanzi.*

*Bl-imghaxijiet mid-dati tal-fatturi relattivi u bl-ispejjes.*

*Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-26 ta' Lulju 2004 fejn eccepiet illi:-*

*1. Preliminarjament hija mhiex il-legittimu kontradittrici u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.*

*2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili.*

*3. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.*

*4. Illi ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodici tal-Kummerc, is-socjeta` attrici ghandha tesebixxi l-kotba tal-kummerc taghha li jivverifikaw il-kreditu pretiz mill-istess socjeta`.*

*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz id-dokumenti ezebiti.*

*Semghet il-partijiet jittrattaw l-kawza odjerna quddiemha u jirrimettu ruhhom ghall-atti processwali u dan wara li din l-istess kawza kienet giet assenjata lilha nhar l-1 ta' Frar 2007.*

*Ikkunsidrat.*

*Illi mill-fatti li johorgu mill-atti tal-kawza jirrizulta illi s-socjeta` attrici kienet bieghhet lis-socjeta` Dormax Company Limited (ara l-invoices relattivi immarkati bhala Dok. AG1 sa Dok. AG8 rispettivament) merkanzija konsistenti f' T-Shirts u li l-istess socjeta` attrici baqghet*

*ma thalsitx taghha u kien ghalhekk li giet istitwita din il-kawza. Is-socjeta` attrici qieghda tallega illi ghal din il-konsenja ghandha twiegeb is-socjeta` konvenuta odjerna.*

*Illi nhar is-26 ta'Jannar 2005 xehed* ***Alfred Grech,*** *direttur tas-socjeta` attrici u pprezenta tmien (8) dokumenti, liema dokumenti gew immarkati bhala Dok. AG1 sa Dok. AG8 rispettivament. Dawn id-dokumenti jindikaw diversi konsenji ta' T shirts mis-socjeta` attrici lis-socjeta` Dormax Company Limited, u li fil-maggor parti saru bejn il-perjodu tat-23 ta' Frar 1999 u s-17 ta' Settembru 1999. L-istess xhud esebixxa wkoll dokument iehor u cioe statement dettaljat li gie markat bhala bhala Dok. AG9 mahrug fuq is-socjeta` konvenuta odjerna u kkonferma li s-socjeta` konvenuta* ***qatt*** *ma ghamlet pagament akkont tul dan il-perijodu kollu.*

*Spjega li fid-9 ta' Awwissu 2002 huwa kien iltaqa' ma Clifford Micallef, direttur tas-socjeta` konvenuta dwar din il-pendenza.*

*F'din il-laqgha dan ix-xhud stqarr li Micallef kien irrikonoxxa d-debitu dovut mill-kumpanija minnu rapprezentata pero` l-istess Micallef kien stqarr li huwa ghan-nom tas-socjeta` Stikki Labels kellu jiehu xi flus minghand socjeta` ohra bl-isem Carant Trading li taghha d-diretturi tas-socjeta` attrici huma wkoll diretturi. Ghalhekk peress illi kien hemm konnessjonijiet bejn dawn iz-zewg kumpaniji Micallef xtaq li jkun hemm tpaccija.*

*Illi minn ricerka li ghamel dan ix-xhud irrizultalu li s-socjeta` Carant Trading verament kienet debitrici ta-socjeta` Stikki Labels fl-ammont ta' Lm682.10 u mhux ta' Lm3,000 kif kien iddikjara Micallef waqt l-inkontru li kien sar bejniethom fid-9 ta' Awwissu, 2002. Fil-11 ta' Dicembru 2003 dan ix-xhud baghat email indirizzata lil Clifford u nfurmah li kien lest li jacetta li mill-hlas li jsir mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici huwa ihallas dak dovut mis-socjeta` Carant Trading lis-socjeta` Stikki Labels. Minkejja din l-email, ix-xhud Alfred Grech jikkonferma li l-ebda hlas ma sar mis-socjeta` konvenuta.*

*Illi nhar it-18 ta' Mejju 2005 xehed **James Clifford Micallef** rapprezentant ta-socjeta` konvenuta, u kkonferma li verament kien sar dan l-inkontru imsemmi mix-xhud Alfred Grech u dan dwar il-kontijiet li kien hemm pendenti mertu tal-kawza. Qabel ukoll ma dak li qal dwar il-flejjes li kellha tiehu s-socjeta` Stikki Labels minghand is-socjeta` Carant Trading pero` kkonferma li l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici minghand is-socjeta` konvenuta ma kienx korrett.*

*Illi nhar it-12 ta' Ottubru 2005 xehdet **Nathalie Farrugia** in rapprezentanza tar-Registratur tal-Kumpaniji u spjegat illi s-socjeta` D.P. Company Limited ma kinitx ghadha qed topera u li din kienet giet diviza fi tliet socjetajiet ohra fosthom dik konvenuta. Hija esebiet id-dokumentazzjoni relattiva ghal tali divizjoni.*

*Illi fl-1 ta' Novembru 2006 xehed **Clifford Micallef** Direttur ta' Dormax Promotional Printing Limited, li kienet giet iffurmata fis-sena 2001. Ikkonferma li kull darba ssocjeta` konvenuta ordnat xi merkanzija minghand is-socjeta` attrici u din giet konsenjata lilha, hija hallset immedjatament mal-invoice, minghajr ma nghatat kreditu.*

*Spjega li xi snin qabel giet iffurmata l-kumpanija konvenuta, huwa kien direttur ta' kumpanija li kien jisimha Dormax Press Company Limited, li izda kienet giet likwidata. Sussegwentement infethet kumpanija ohra Dormax Investments Limited fl-2001 li huwa direttur taghha sa llum, pero' kumpanija bl-isem Dormax Co. Ltd. qatt ma ezistiet. Il-kumpanija Dormax Press Company Limited ukoll kienet ghamlet xi ordnijiet minghand il-kumpanija attrici, u wkoll kienet hallset ta' kollox. Mistoqsi jekk il-kumpanija konvenuta kinitx kreditrici ta' xi kumpanija bl-isem Karant, qal li le, pero' zied li rrelazzjonijiet li seta' kellu ma' Karant jirrisalu ghal ghaxar snin qabel.*

*Ikkonferma li Dormax Promotional Printing Limited inholqot mid-divizjoni ta' kumpanija ohra li hu kellu ma huh, cioe' DP Company Limited li fil-fatt kellha xi debitu lejn Costa Brava Co. Ltd. Spjega li DP Co Ltd kellha*

*hamsin fil-mija (50%) shareholding f'kumpanija ohra bl-isem Sticky Labels Co. Ltd, li waqqfet l-operat taghha fl-1998, u din il-kumanija jidher li kellha taghti lil Costa Brava Ltd.*

*Illi din il-Qorti kienet trattat l-ewwel eccezzjoni dwar illegitimu kontradittur fis-sentenza taghha moghtija fl-ismijiet premessi nhar id-29 ta' Marzu 2007 fejn iddecidiet:*

*"Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li qeghda tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta fis-sens li qed tiddikjara li s-socjeta` konvenuta mhijiet il-legittimu kontradittur tas-socjeta` attrici, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra mressqa mill-istess socjeta` konvenuta u konsegwentement tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.*

*Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati fl-intier taghhom mis-socjeta` attrici."*

*Illi fis-17 t'April 2007 is-socjeta` attrici interponiet appell minn din is-sentenza, liema appell gie sussegwentement deciz nhar it-28 ta' Novembru 2007, fejn gie deciz illi:*

*"Ghal dawn il-motivi kollha l-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata li biha akkoljiet l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta`' konvenuta. Tirrinvija l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-konsiderazzjoni u decizjoni minnha tal-mertu u tal-eccezzjonijiet l-ohra moghtija. L-ispejjez gudizzjarji kollha s'issa nkorsi jitbatew mis-socjeta`*
*konvenuta appellata."*

*Illi nhar it-22 ta' Settembru, 2008 xehed* ***Mario Camilleri*** *ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta`' Costa Brava Co. Ltd. fil-kariga tieghu ta' manager tal-istess socjeta`', u esebixxa tmien delivery notes immarkati bhala Dok. MC1 sa MC8. (a fol. 142 et seq.)*

*Rega' xehed nhar il-11 ta' Dicembru, 2008 in kontroezami fejn ikkonferma li ilu jokkupa l-kariga ta' Manager tas-socjeta` Costa Brava Company Limited iktar minn sentejn,*

*u li qabel kien impjegat ma' din l-istess socjeta`. Jghid li dak li qal fix-xhieda tieghu precedenti, ma jafux di scienza propria, izda jirrizultalu mid-dokumentazzjoni li hemm fil-kotba tal-kumpanija. Ikkonferma 'n oltre li Costa Brava Company Limited tifforma parti mis-socjeta` Big Bon. Zied pero' li fl-istess grupp hemm kumpaniji ohra bhal Carant Trading Limited u Big Bon Investments Limited. Qal li qabel ma esebixxa d-dokumenti kien tkellem man-nies li jahdmu fid-dipartiment tal-accounts.*

*Fis-26 ta' Mejju, 2009 xehed* ***Alfred Grech*** *(a fol. 161 et seq.) in kontro-ezami u ddikjara li huwa kien jokkupa l-kariga ta' Managing Director mas-socjeta`' Big Bon Group bejn is-sena 1998 u s-sena 2006. Ikkonferma li Costa Brava hija subsidiary tas-socjeta` Big Bon Group li ghandha diversi kumpaniji ohra. Mistoqsi jekk is-socjeta` Dormax ghamlitx xi xoghol iehor ta' printing ghal xi kumpaniji ohra tal-Big Bon, qal li ma kienx jaf. Spjega li peress li m'ghadux fil-kariga li kellu u m'ghadx ghandu x'jaqsam ma' Big Bon Group, ma kienx f'posizzjoni li jesebixxi d-dokumenti rikjesti minnu. Mistoqsi wkoll jekk kienx jahdem hemm fil-perjodu li s-socjeta` attrici qed titlob il-flus ghall-konsenji, wiegeb fl-affermattiv u zied li fil-fatt Robert Micallef qatt ma kkontenda li dawn il-konsenji ma waslulux.*

*Meta rega' xehed fit-13 t'Ottubru 2010 (a fol. 181) qal li ssocjeta` Costa Brava Co. Ltd. sa meta kien jahdem maghha hu, kienet biss kreditrici tas-socjeta` Dormax Promotional Printing Ltd.*

*Rat li fis-seduta tat-13 t'Ottubru, 2010 kienet awtorizzat lill-partijiet sabiex jipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet taghhom, fejn is-socjeta` attrici kellha sat-2 ta' Novembru 2010 biex tipprezenta n-nota taghha filwaqt li s-socjeta` konvenuta kellha tirrispondi sal-21 ta' Novembru, 2010.*

*Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tas-socjeta` konvenuta pprezentata fit-22 ta' Novembru 2010.*

*Rat il-verbal taghha tal-15 ta' Frar, 2011 fejn estendiet it-terminu ghall-prezentata tan-nota ta' sottomissjonijiet tas-*

*socjeta` attrici ghad-9 ta' Marzu, 2011, bl-intendiment li wara dakinhar il-kawza tithalla ghas-sentenza.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi minn ezami tal-process jirrizulta li s-socjeta` konvenuta kienet tat eccezzjoni preliminari ohra apparti dik li gja giet deciza, u cioe' li l-azzjoni tas-socjeta` attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili.*

*Illi dwar min ghandu jipprova li l-azzjoni hija preskritta, l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet* ***Luciano Martinelli noe Vs Saviour Pisani*** *deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-22 ta' Gunju 2005 fejn inghad li :-*

*"Jinsorgi kwezit meta titqajjem eccezzjoni tal-preskrizzjoni jekk kienx dmir tal-eccipjenti li jsostni l-preskrizzjoni jew kienx invece jinkombi fuq l-attur nomine li jikkombattiha;*

*Skond certu orjentament gurisprudenzjali "l-vera posizzjoni, f' kaz ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni li timporta prezunzjoni tal-pagament, hija din: kif tigi opposta l-preskrizzjoni, l-attur jista' jikkumbattiha jew billi jaghti l-gurament lill-konvenut, jew b' xi wiehed mill-mezzi fuq imsemmija jigifieri, l-inammissibilita`, is-sospensjoni jew interruzzjoni tal-preskrizzjoni.."*

*Invece, skont orjentament iehor "min jaghti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju skont liema terminu preskrittiv ikun applikabbli. Ikun imbaghad jispetta lill-attur-kreditur li jiddefendi lilu nnifsu billi jaghzel it-triq u l-mezzi li taghtih il-ligi biex jinnewtralizza tali eccezzjoni".*

*Dan l-ahhar insenjament jaghmel aktar sens guridiku****. L-Artikolu 2107 (2)****, Kodici Civili jipprovdi li "l-preskrizzjoni hija wkoll mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid il-ligi";*

*Innegabilment, l-accertament tad-dekorrenza taz-zmien tikkostitwixxi indagini ta' fatt u dan jimporta illi inizzjalment*

*jinkombi fuq il-konvenut li jissolleva l-preskrizzjoni, li ghandu, bhala fatt, jissodisfa, bi prova essenzjali, li t-terminu statutorju preskrittiv kien ghadda. Wiehed ma jridx jinsa li l-element kostituttiv ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi l-manifestazzjoni, f' sens inekwivoku, tal-volonta` tal-parti*
*li ggib 'il quddiem l-estinzjoni bid-dekors taz-zmien tal-kreditu azzjonat fil-konfront tieghu. U allura logikament hu mistenni li l-konvenut jiddeduci, in sostenn tad-difiza tieghu, prova tad-data tad-dekorrenza ghall-iskop tal-komputa tal-perijodu preskrizzjonali;"*

*Issa f'dan il-kaz is-socjeta`' konvenuta eccepiet l-**artikolu 2156 (f)** tal-Kap 16 bhala l-artikolu relevanti ghal kaz in d'esamina.*

***L-artikolu 2156 (f)** tal-Kodici Civili jiddisponi:*

*"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:*

*(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku."*

*Issa kif tajjeb gie mfisser fis-sentenza moghtija fis-17 ta' Mejju 2005 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Joseph Ellul Sullivan noe vs Tancred Tabone noe** "Il-preskrizzjonijiet qosra huma kollha eccezzjonijiet ghar-regola generali tal-preskrizzjoni li nsibu fl-**artikolu 2143** tal-Kodici Civili. Ghalhekk, bhal kull eccezzjoni ohra, il-preskrizzjonijiet qosra ghandhom jinghataw interpretazzjoni restrittiva.*

*Fejn fl-**artikolu 2156 (f)** jinghad "ghall-hlas ta' kull kreditu iehor." dik il-kelma "iehor" turi bic-car illi l-legislatur qieghed jikkommetti din id-dispozizzjoni mas-sezzjonijiet precedenti, fejn huma ndikati krediti specifici u ghalhekk dak il-kreditu ghandu jkun eiusdem generis skont ir-regola komunament accettata fil-gurisprudenza.*

*Huwa ghalhekk principju stabbilit fil-gurisprudenza li l-preskrizzjoni taht l-**artikolu 2156 (f)** hija soggetta ghal interpretazzjoni eiusdem generis. Ghaldaqstant, il-kelma "kreditu" minhabba fir-restrizzjoni tar-regola ta' interpretazzjoni ta' eiusdem generis, tigbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess natura bhal jeddijiet l-ohra msemmija fl-**artikolu 2156**. F'dan il-kuntest, ta' min ighid li l-ebda wiehed mill-krediti msemmija fl-**artikolu 2156** ma huwa kreditu ta' obbligazione di fare, imma huma kollha obbligazzjonijiet ghall-hlas ta' flus. Dan igib mieghu l-effett li l-obligazzjoni li kontra taghha titressaq eccezzjoni bhal din trid tkun wahda ghall-hlas ta' flus.*

*Jidher illi l-krediti msemmija fid-dispozizzjoni tal-ligi 'l fuq indikata jirrigwardaw bhala regola dawk li jkollhom bhala oggett flus; jigifieri dawk tal-prestazzjonijiet accessorji, jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, u dawk tal-prestazzjonijiet principali jirrigwardaw oggett li jkun jew flus jew haga fungibbli bhal ma huma l-flus.*

*Kull kreditu iehor, hemm imsemmi ma ghandux jiftiehem illi jista' jkun kwalunkwe kreditu jkun li jkun, imma dak biss li mhux imsemmi espressament fl-istess dispozizzjoni u li jkollu l-istess natura bhal flus.*

*Dan ifisser li din il-preskrizzjoni tapplika ghal zewg ordni ta' krediti: jigifieri l-prestazzjonijiet accessorji jkunu liema jkunu, u whud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew principali.*

*Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew haga fungibbli bhalma huma l-flus."*

*Ta' rilevanza ghall-kaz in ezami hija s-sentenza moghtija fl-ismijiet* ***Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited*** *deciza fit-12 t'Ottubru 2004 fejn inghad li:-*

*"Biex wiehed jasal halli jiddetermina jekk bejgh sarx bl-imnut inkella bl-ingrossa wiehed ghandu jhares lejn il-bejgh*

*partikolari u l-ghamla tieghu. Normalment, biex bejgh jitqies bl-imnut, irid jidher li tali bejgh kien wiehed maghmul lil konsumatur ghall-uzu personali tieghu, filwaqt li, tradizzjonalment, il-bejgh bl-imnut jingharaf minn bejgh bl-ingrossa billi f'dan tal-ahhar il-bejgh isir lil xerrej li jkun sejjer jaghmel negozju bi jew minn fuq il-haga mixtrija.*

*Imma din m'hijiex regola inflessibbli, minhabba li grossista jista' jaghmel bejgh bl-imnut, ukoll fejn ix-xerrej ikun kummercjant iehor;*

*F'kaz fejn in-negozju bejn il-partijiet ma jkunx limitat ghal semplici operazzjoni ta' bejgh u xiri (kif isir f'bejgh bl-imnut) imma jkun hemm element ta' negozjati dwar il-kwalita' tal-haga mibjugha, dwar il-konsistenza taghha, dwar il-kapacita' taghha biex tilhaq l-ghanijiet tax-xerrej, u jkun hemm ukoll l-ghoti ta' pariri u stimi, wiehed jista' jghid li jkun hemm indoli ta' bejgh bl-ingrossa u mhux bl-imnut;*

*Huwa stabilit ukoll li arrangament ta' bejgh bl-ingrossa ma jsirx wiehed bl-imnut ghar-raguni wahedha li l-konsenji ma jsirux f'daqqa, ghaliex huwa n-negozju globali li jwassal biex wiehed jiddeciedi taht liema kategorija ghandu jigi klassifikat il-bejgh.*

*Ghall-finijiet ta' l-**Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16** irid jinghad li ghalkemm il-kelma "kreditu" tfisser kull jedd in personam li jaqbel ma' kull obbligazzjoni ta' debitur, jidher li fil-qafas tal-artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta il-kelma "kreditu" msemmija fil-paragrafu (f) tieghu ghandha tigbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess bixra tal-jeddijiet imsemmija fil-paragrafi l-ohrajn tieghu. Ta' min jghid li c-cirkostanzi kollha mahsubin fl-**artikolu 2156** huma obbligazzjonijiet ghall-hlas ta' flus u mhux obbligazzjonijiet di fare;*

*Peress li l-preskrizzjoni "residwali" mahsuba taht l-artikolu **2156 (f) tal-Kap 16** hija suggetta ghall-interpretazzjoni eiusdem generis, allura dan igib mieghu l-effett li l-obbligazzjoni li kontra taghha titressaq eccezzjoni bhal din trid tkun wahda ghall-hlas ta' flus. Kemm hu hekk, inghad li din il-preskrizzjoni tapplika ghal zewg ordni ta' krediti:*

*jigifieri l-prestazzjonijiet accessorji jkunu liema jkunu, u whud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew principali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, filwaqt li tattieni jirrigwardaw flus jew haga fungibbli bhalma huma l-flus;*

*Fil-kaz ta' bejgh bl-ingrossa l-preskrizzjoni applikabbli hija dik mahsuba fl-artikolu* ***2156 (f)*** *tal-Kodici Civili.*

*Madankollu, huwa mghallem li l-preskrizzjoni f'kaz ta' azzjoni mibnija fuq kont kurrenti ma tibdiex tghaddi qabel ma l-kont jigi likwidat, ghalkemm jinghad ukoll li l-preskrizzjoni tapplika ghal kull partita ta' dejn minkejja li tkun taghmel parti minn servizz kontinwu. F'kull kaz, iz-zmien ta' preskrizzjoni applikabbli huwa dak ta' hames snin."*

*Issa fil-kaz in d'ezamina l-konvenut qabad u pprezenta din l-eccezzjoni fil-bidu tal-proceduri, u cioe' nhar is-26 ta' Lulju 2004, u ma ressaq l-ebda prova sabiex jissostanzja dak li kien qed jallega, donnu rrimetta ruhu ghall-atti proceswali, ghaliex lanqas fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu m'ghamel referenza ghal din l-eccezzjoni.*

*Jirrizulta mill-provi prodotti mis-socjeta`' attrici li hija kienet ikkonsenjat lis-socjeta` Dormax Company Limited merkanzija konsistenti f'numru kbir ta' T-shirts, kif jirrizulta mill-invoices esebiti minnha u immarkati bhala Dok AG1 sa AG8. Jidher li l-ammont kien wiehed sostanzjali stante li qed nitkellmu fuq eluf ta' T-Shirts u dan versu l-korrispettiv ta' tlett elef disa' mija u sitta u hamsin Lira Matlin u zewg centezmi (Lm3,956.02) imsemmi fir-rikors promotur. Spjegat tramite x-xhud taghha Alfred Grech li dan in-negozju sar bejn il-perijodu tat-23 ta' Frar 1999 u s-17 ta' Settembru 1999. Jirrizulta li kull invoce ghandha firma ta' min kien irceiva l-konsenja, izda hadd mill-partijiet ma harrek lill-persuna li allegatament irceviet il-merkanzija.*

*Jghid ukoll li din s-socjeta`' kienet tixtri dawn it-T-shirts sabiex taghmel printing fuqhom u tiddisponi minnhom kif trid hi.*

*Ghalhekk m'hemmx dubju li l-artikolu tal-ligi kif indikat mis-socjeta` konvenuta, f'dan il-kaz huwa tajjeb, u dan ghaliex il-mercja li nbieghet mis-socjeta` attrici lis-socjeta` Dormax Company Limited kienet merkanizja li nbieghet bl-ingrossa u konsegwentement din it-transazzjoni saret bejn zewg socjeta`jiet kummerjcali, u tali azzjoni hi milquta bl-**artikolu 2156 (f)** tal-Kap 16 jekk ikun il-kaz.*

*L-ewwel konsenja saret fit-23 ta' Frar 1999 u ghalhekk il-perijodu preskrittiv ta' hames snin ghalaq fl-24 ta' Frar 2004, waqt li l-ahhar konsenja saret fis-17 ta' Settembru 1999 u ghalhekk il-perijodu preskrittiv ta' hames snin ghalaq fit-18 ta' Settembru 2004. Issa l-kawza odjerna giet prezentata nhar it-28 ta' Jannar 2004, fil-konfront tas-Qrati tal-Gustizzja socjeta` konvenuta - li mhix is-socjeta` ndikata fl-invoices.*

*Jirrizulta li l-ewwel darba li dehret is-socjeta` konvenuta kien nhar it-18 ta' Marzu 2003 meta s-socjeta` atttrici kienet baghtitilha statement (fol. 29) fejn ghamlet referenza ghall-invoices kollha esebiti u mmarkati bhala Dok. AG 1 sa AG 8, indirizzati lis-socjeta`' Dormax Company Limted.*

*Illi ghalhekk din l-azzjoni mhix preskritta ai termini tal-**artikolu 2156 (f) tal-Kap 16**, u dan ghaliex l-azzjoni dwar il-kreditu giet interposta fi zmien il-hames snin, ghalkemm kontra kreditur differenti. Din l-eccezzjoni mhix ser tigi akkolta.*

*Dwar l-eccezzjoni fil-mertu, u cioe' li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, il-Qorti ezaminat l-atti u jirrizulta mix-xhieda li tat Nathalie Farrugia, impjegata tal-MFSA, li s-socjeta`' konvenuta giet registrata mal-MFSA u hadet in-numru C-27511 nhar id-29 ta' Dicembru 2000, u ghalhekk zgur li l-merkanzija li giet allegatament konsenjata mis-socjeta` attrici ma gietx konsenjata lil din is-socjeta` konvenuta. Jidher pero' minn ezami tal-Memorandum and Articles tas-socjeta` konvenuta, li din assumiet id-debitu li s-socjeta`' Dormax Press Company Limited kellha fir-rigward ta' trade creditors ohra fl-ammont ta' mija u hdax-il*

*elf tmien mija u wiehed u disghin Lira Maltin (Lm111,891.00), pero' l-partijiet ma ressqux prova sabiex jipprovaw almenu fuq balance of probabilities li d-debitu in kwistjoni huwa parti minn dan id-debitu li s-socjeta` konvenuta assumiet u li s-socjeta` ndikata fl-invoices bhala Dormax Company Limited hija s-socjeta` Dormax Press Company Limited. Ghalhekk ma giex ipprovat li s-socjeta` konvenuta kellha x'taqsam man-negozju de quo. Ma jirrizultax li s-socjeta` konvenuta accettat id-debitu tas-socjeta` Dormax Company Limited, li fil-fatt skont ix-xhud Clifford James Micallef lanqas biss kienet tezisti bhala kumpanija.*

*Naturalment is-socjeta` attrici, li tallega d-debitu, ghandha fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li tipprova l-kreditu minnha vantat. Inkella fin-nuqqas li taghmel dan, jibqa jimpera l-principju 'actor non probante reus absolvitur'.*

*M'hemmx dubju li l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq is-socjeta` attrici mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza, ghax hi qed tallega d-debitu, u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. Kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar is-27 ta' Mejju 1970 fl-ismijiet* ***Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri*** *u kkonfermat fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri per Onor. Imh Ph. Sciberras) nhar id-19 ta' Mejju 2004 fl-ismijiet* ***Maltacom p.l.c vs Kurt Galea Pace*** ***'****F'kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe' l-attur lesigibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-principju actore non probante reus absolvitur. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor reus in excipiendo fit actor, ghax jerga' jinghad****,*** *l-oneru centrali tal-akkuza jibqa' fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu."*

*Illi ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, ma jirrizultax li s-socjeta` attrici rnexxielha tipprova li s-socjeta`' konvenuta hija kreditrici taghha fl-ammont indikat fl-avviz, u ghalhekk it-talbiet tas-socjeta`' attrici sejrin jigu michuda in toto.*

*Dwar ir-raba' eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta, u cioe' li s-socjeta` attrici kellha tesebixxi l-kotba tal-kummerc taghha li jivverifikaw il-kreditu pretiz minnha, l-Qorti tirrileva li din ipprezentat l-invoices li kellha li ma kinux bizzejjed sabiex jipprovaw il-kreditu taghha fic-cirksotanzi fuq imsemmija.*

***Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni, stante li diga' nghatat sentenza definittiva f'dak ir-rigward, qieghda tichad it-tieni u ir-raba' eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta i qieghda tiddikjara li qieghda tichad it-talba attrici peress li s-socjeta` attrici ma rnexxilhiex tipprova li s-socjeta` konvenuta hija debitrici taghha.***

***L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrci in toto."***

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta' appellanti Costa Brava Company Limited (C 23803) datat 2 ta' Mejju 2011 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellata.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2011.

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta` appellata Dormax Promotional Printing Limited datata 21 ta' Lulju 2011 a fol 17 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez ta' din l-istanza wkoll kontra s-socjeta` attrici appellanti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-13 ta' Ottubru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. John Refalo ghas-socjeta` appellanti u Dr. Stephen Muscat ghas-socjeta` appellata li rrimetta ruhu ghall-atti. Dr. John Refalo tratta l-

kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghad-29 ta’ Marzu 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 12 ta’ April 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravji tas-socjeta’ attrici appellanti huma (a) li bid-decizjoni taghha l-Ewwel Qorti marret kontra dak li kien gja deciz fis-sentenza ta’ din il-Qorti fl-ismijiet premessi datata 28 ta’ Novembru 2007 fejn kienet irriteniet li s-socjeta’ konvenuta kienet l-legittimu kontradittur ghaliex ghalkemm l-*invoices* kienu hargu ghall-ewwel fuq is-socjeta Dormax Company Limited, dawn kienu intizi ghas-socjeta’ Dormax Press Company Limited, li d-debiti taghha gew assunti mis-socjeta’ konvenuta Dormax Promotional Printing Limited, li ghalkemm giet imwaqqfa fid-29 ta’ Dicembru 2000, u allura wara li saret il-konsenja tat-T Shirts mertu tal-kawza odjerna. Dan ghaliex l-*invoices* kienu ghall-ewwel intestati favur Dormax Company Limited, izda intenzjonati ghas-socjeta’ Dormax Press Company Limited li kienet ghalhekk id-destinatarju veru tal-merkanzija kif jirrizulta mill-kotba u Clifford Micallef rapprezentant tal-istess, u allura f’dan is-sens is-socjeta’ debitrici kienet is-socjeta’ Dormax Press Company Limited, liema socjeta’ giet diviza, u l-krediti u d-debiti taghha gew assunti minn diversi socjetajiet, u d-debitu hawn indikat gie assunt mis-socjeta’ konvenuta, ghaliex tirrizulta l-accettazzjoni tas-socjeta’ kreditrici dwar dan, u wkoll dan huwa ammess minn Clifford Micallef, li accetta li l-i*statemen*t tal-kreditu tas-socjeta’ attrici jigi ndirizzat lis-socjeta’ konvenuta. Invece, fid-decizjoni citata l-Ewwel Qorti marret kontra dan ghaliex sostniet li la darba s-socjeta’ giet registrata fid-29 ta’ Dicembru 2000 mela allura l-istess merkanzija ma gietx ikkonsenjata lilha u ma` dan inghad ukoll li ma kien hemm l-ebda prova li

mid-debitu li s-socjeta' konvenuta assumiet tas-socjeta' Dormax Press Company Limited fl-ammont ta' Lm111,891, ma giex ippruvat li dan kien jinklludi l-kreditu tas-socjeta' attrici u b'hekk effettivament b'din is-sentenza marret kontra dak deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta tat-28 ta' Novembru 2007 presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras. (b) sar apprezzament hazin tal-provi ghaliex gie ppruvat li (a) li l-kreditu tas-socjeta' attrici gie assunt mis-socjeta' konvenuta; (b) is-socjeta' Dormax Company Limited hija fil-fatt is-socjeta' Dormax Press Company Limited, tant li l-istess zewg punti kienu gja decizi mill-Qorti tal-Appell u allura d-decizjoni appellata tat-12 ta' April 2011 meta lanqas biss qatt dahlet fihom ghaliex kienu gja decizi minn Qorti tat-Tieni Istanza; (c) hemm difett fil-forma tad-decizjoni appellata ghaliex fid-decide cahdet it-talbiet attrci minghajr ma nghad li qed tilqa' xi wahda mill-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.

Illi jirrizulta li fil-fatt kien gja deciz fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet premessi datata 28 ta' Novembru 2007 mhux biss li s-socjeta' konvenuta kienet l-legittimu kontradittur ghaliex ghalkemm l-*invoices* kienu hargu ghall-ewwel fuq is-socjeta Dormax Company Limited (*invoices* fol. 20 sa 27), li ma kienitx qatt tezisti, dawn kienu fil-fatt intizi ghas-socjeta' Dormax Press Company Limited li kienet operativa u kienet ghamlet l-ordinjiet lis-socjeta' attrici (xhieda fol. 70), izda gie deciz ukoll li din is-socjeta' giet diviza u l-krediti u d-debiti taghha gew allokati lis-socjeta' konvenuta Dormax Promotional Printing Limited (dokumenti fol. 36 sa fol' 56, xhieda ta' Nathalie Farrugia, rapprezentanti ir-Registratur tal-Kumpaniji (fol. 63)). Dan ghaliex dan id-debitu gie rikonnoxxut mill-kotba ta' Dormax Press Company Limited (fol. 71) li giet struck off fit-23 ta' Dicembru 2003, mentri is-socjeta' konvenuta giet registrata fid-29 ta' Dicembru 2000 (statut a fol. 65).

Illi gie decizi ukoll li dan pero' ma huwa ta' ebda ostakolu sabiex t-talba tigi diretta kontra s-socjeta' konvenuta u dan peress li (a) fl-ewwel lok gie stabbilit li tali kreditu kien attwalment dovut mis-socjeta' Dormax Press Company Limited u mhux mhux minn Dormax Company Limited li

qatt ma ezistiet; (b) li debiti ta’ Dormax Press Company Limited gew assunti mis-socjeta’ konvenuta ghaliex kien hemm direzzjoni ta’ Clifford Micallef, direttur tas-socjeta’ konvenuta sabiex tali fattura tigi ndirizzata lis-socjeta’ konvenuta kif fil-fatt sar (Dok. “AG 9” – fol. 28) u dan jinsab konfermat mix-xhieda ta’ Alfred Grech u wkoll ta’ Clifford Micallef stess datata l-1 ta’ Novembru 2006 (fol. 70); (c) il-kreditu tas-socjeta’ kreditrici kontra Dormax Press Company  Limited gie attwalment assunt mis-socjeta’ konvenuta kif jidher mid-dokumenti (fol. 36 sa 56 u x-xhieda ta’ Nathalie Farrugia (fol. 63).

Illi dan ifisser allura li dawn il-punti kienu gia decizi mill-Qorti tal-Appell u allura bir-rispett jinghad li kull pronunzjament dwaru li sar mill-Ewwel Qorti ma setghax isir ghaliex b’hekk effettivament fethet punti li kienu gja decizi mill-Qorti tat-Tieni Istanza fuq l-istess materja, u dan ma jistax issir u ma ghandux jithalla jsir. Dan peress li jidher li d-decizjoni appellata regghet qalet li la darba s-socjeta’ konvenuta kienet kostitwita biss fid-29 ta’ Dicembru 2000 (fol. 15 tas-sentenza) mela allura *“l-merkanzija li giet allegatament konsenjata mis-socjeta’ attrici ma gietx konsenjata lil din is-socjeta’ konvenuta”.* Dan il-punt kien gja deciz b’mod ezawrjenti mid-decizjoni ta’ din il-Qorti diversament presjeduta, kif jirrizulta mill-istess decizjoni tat-28 ta’ Novembru 2007 ampjament citata fir-rikors tal-appell u hawn sintetizzata u ghalhekk dan il-punt ma kellux jerga jinfetah u wisq inqas jigi deciz b’mod kuntrarju ghal dak li kienet gja qalet il-Qorti tal-Appell.

Illi l-istess jinghad dwar dak li nghad fis-sentenza li ma giex ippruvat li mid-debiti assunti mis-socjeta’ konvenuta tas-socjeta’ Dormax Press Company Limited fl-ammont ta’ ammont ta’ Lm111,891, ma kienx hemm prova li dan kien jinkludi l-kreditu attwali attrici. Fil-fatt fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell kien inghad li dan il-kreditu kien inkluz ghaliex ammess minn Clifford Micallef (fol. 19), jirrizulta minn fol. 28 (Dok. “AG 9), u wkoll mid-dokumenti a fol. 32 sa fol. 56 tal-process. Mela allura dan il-punt kien gja deciz ukoll u bir-rispett kollu l-Ewwel Qorti ma kellhiex terga tindaga l-istess, izda timxi l-quddiem sabiex tistabilixxi l-

konsegwenza tal-istess fid-dawl tat-talba attrici u l-eccezzjonijiet li kien fadal tas-socjeta' konvenuta. Ma hemmx dubju li decizjoni bejn l-istess partijiet fuq il-kawza proprja u fuq l-istess pendenza mill-Qorti tal-Appell ghandha tigi osservata mill-kull Qorti tal-Prim Istanza u wkoll minn kull Bord u Tribunal.

Illi huwa veru li l-punt deciz mill-Qorti tal-Appell kien li s-socjeta' konvenuta kienet il-legittimu kontradittur, izda kontrarjament ghal dak li nghad fir-risposta tas-socjeta' appellata, d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell sabiex stabbiliet dan sabet li s-socjeta' konvenuta assumiet il-hlas tal-istess kreditu, kif hawn gja inghad, u ovvjament bil-mod kif inghad fl-istess decizjoni, b'mod u manjiera li d-decizjoni tghid b'mod car li s-socjeta' konvenuta hija l-legittimu kontradittur ghaliex assumiet id-debiti tas-socjeta' Dormax Press Company Limited, u dan jirrizulta kemm mix-xhieda u kemm mid-dokumenti esebiti. Dan allura jfisser li gie ppruvat, u deciz mill-Qorti tal-Appell li l-kreditu fil-konfront tas-socjeta' konvenuta gie ppruvat mis-socjeta' attrici, u l-punt meta l-istess socjeta' konvenuta giet kostitwita kien sorvolat, kif kien deciz il-punt li mid-debiti assunti mis-socjeta' konvenuta kien hemm ukoll il-kreditu mertu tal-kawza odjerna. Dan kollu jwassal sabiex l-ewwel aggravju jigi milqugh.

Illi dwar it-tieni aggravju, fl-optika tar-rikors tal-appell kif impostat, jirrizulta li effettivament dan huwa ripetizzjoni tal-ewwel aggravju, impostat din id-darba fuq apprezzament tal-provi, u certament li din il-Qorti ser toqghod fuq l-apprezzament ta' provi li ghamlet din il-Qorti diversament presjeduta f'din l-istess kawza, in omagg ghal dak ritenut minn din il-Qorti fuq l-ewwel aggravju. Fil-verita' ma jistax u ma ghandux ikun mod iehor ghaliex altrimenti jkun hemm konsegwenzi serji ghall-ordinament guridiku u gudizzjarju prezenti u ghar-rispett lejn l-Awtorita' tal-Qorti. B'hekk dan it-tieni aggravju qed jigi milqugh ukoll.

Illi dwar t-tielet aggravju dan huwa kompletament bla ebda fondament legali u gudizzarju u qed jigi respint ghaliex superfluwu.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appell tas-socjeta' Dormax Promotional Printing Limited datata 21 ta' Lulju 2011 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mis-socjeta' appellanti Costa Brava Company Limited fir-rikors tal-appell taghha datat 2 ta' Mejju 2011 biss in kwantu l-istess huwa konsistenti ma' dak hawn deciz, b'dan li din il-Qorti tirriforma d-decizjoni fl-ismijiet premessi "Costa Brava Company Limited vs Dormax Promotional Printing Limited" (Avviz Numru 52/04) b'dan li tikkonfermaha in kwantu astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni, stante li diga' nghatat sentenza definittiva f'dak ir-rigward, u fejn cahdet it-tieni eccezzjoni li l-azzjoni hija preskritta a bazi tal-artikolu 2156 (f) ghar-ragunijiet hemm decizi u cahdet ir-raba' eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta, izda tirriformaha mill-bqija fis-sens li fil-waqt li tichad ukoll it-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta appellata, tilqa' t-talba attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta appellata u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta` konvenuta appellata thallas lis-socjeta' attrici appellanti s-somma ta' disat elef, mitejn u hmistax-il ewro u hames centezmi (€9,215.05) ekwivalenti ghal tliet elef disa' mija sitta u hamsin Liri Maltin u zewg centezmi (Lm3,956.02) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilha, liema prezz naqset li thallas minkejja diversi interpellanzi.**

**Bl-imghaxijiet mid-dati tal-fatturi relattivi sal-effettiv pagament u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' konvenuta appellata Dormax Promotional Printing Limited.**
**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------